KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Diċembru 2008

li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE dwar ir-rekwiżiti għall-kwarantina tal-annimali tal-akkwakultura

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 7905)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/946/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali akkwatiċi [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 25 u 61(3) tagħha,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE, l-annimali akkwatiċi ta' speċi suxxettibbli għall-mard elenkat fil-Parti II tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva li jkunu se jiġu introdotti għat-trobbija jew għar-ripopolazzjoni fi Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa minn marda speċifika, għandhom joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment ukoll iddikjarati ħielsa minn dik il-marda. Skond l-Artikolu 44(4) ta' dik id-Direttiva, l-istess għandu japplika f'oqsma suġġetti għal programm ta' sorveljanza u eradikazzjoni fir-rigward ta' marda speċifika.

(2) Skond l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2006/88/KE, speċi vettori għall-mard elenkat fil-Parti II tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva li jkunu se jiġu introdotti għat-trobbija jew għar-ripopolazzjoni fi Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa minn marda speċifika, għandhom jew joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment ukoll iddikjarati ħielsa minn dik il-marda, jew inkella jinżammu fi kwarantina f'ilma ħieles mill-patoġenu in kwistjoni, għal perjodu xieraq ta' żmien, fejn, fid-dawl tad-dejta xjentifika jew tal-esperjenza prattika pprovduta, joħroġ li dan hu suffiċjenti biex jitnaqqas ir-riskju tat-tixrid ta' marda speċifika għal livell aċċettabbli għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-marda kkonċernata. Skond l-Artikolu 44(4) tad-Direttiva 2006/88/KE, l-istess għandu japplika f'oqsma suġġetti għal programm ta' sorveljanza jew eradikazzjoni fir-rigward ta' marda speċifika.

(3) Lista tal-ispeċi vettori possibbli għall-mard elenkat fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE, inklużi l-kundizzjonijiet li skonthom dawk l-ispeċi għandhom jitqiesu bħala vettori għall-fini tal-Artikolu 17 ta' dik id-Direttiva, hija stipulata fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u tar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni, lejn il-Komunità, ta' annimali u prodotti akkwatiċi tagħhom u jistabbilixxi lista ta' speċi vettori [3].

(4) L-Artikolu 20(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE jistipula, permezz ta' deroga mill-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva, li r-rilaxx ta' annimali akkwatiċi slavaġ ta' speċi suxxettibbli għall-mard elenkat fil-Parti II tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva, maqbuda fi Stat Membru, żona jew kompartiment mhux iddikjarati ħielsa minn marda speċifika, fi Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa minn dik il-marda, huwa suġġett għat-tqegħid tal-annimali akkwatiċi slavaġ kwarantina taħt is-sorveljanza tal-awtorità kompetenti f'faċilitajiet adattati, għal perjodu ta' żmien suffiċjenti biex ir-riskju tat-tixrid tal-marda jitnaqqas għal livell aċċettabbli. Skond l-Artikolu 44(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE, l-istess għandu japplika f'oqsma suġġetti għal programm ta' sorveljanza u eradikazzjoni fir-rigward ta' marda speċifika.

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
[2] ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.
[3] Ara paġna 41 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(5) Skond l-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008, annimali tal-ispeċi vettori u annimali slavaġ akkwatiċi intiżi għat-trobbija, żoni ta' ripopolazzjoni, żoni ta' ripopolazzjoni artifiċjali għas-sajd sportiv u faċilitajiet ornamentali miftuħa, u annimali akkwatiċi ornamentali ta' speċi suxxettibbli intiżi għal faċilitajiet ornamentali magħluqa jistgħu jiġu impurtati lejn Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa minn marda speċifika jew lejn oqsma suġġetti għal programm ta' sorveljanza jew eradikazzjoni fir-rigward ta' marda speċifika, mhux bilfors toriġina minn żoni ħielsa mill-mard jekk kienu suġġetti għal kwarantina, kif stipulat fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/EC, għal perjodu xieraq ta' żmien. Skond l-Artikolu 10 (1), l-ewwel inċiż tad-Direttiva 91/496/KEE, il-kwarantina tista' ssir f'pajjiż terz.

(6) Biex jiġi żgurat li l-kwarantina ssir b'mod li jitnaqqas ir-riskju ta' tixrid tal-mard elenkat fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE għal livell aċċettabbli, għandhom ikunu stabbiliti regoli dwar il-kwarantina.

(7) Il-faċilitajiet ta' kwarantina fil-Komunità huma koperti mid-definizzjoni ta' "negozji ta' produzzjoni tal-akkwakultura" fl-Artikolu 3.1(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE. Fl-interess tas-sitwazzjoni ta' saħħet l-annimali fi ħdan il-Komunità, il-faċilitajiet ta' kwarantina f'pajjiżi terzi għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti ekwivalenti bħal dawk stabbiliti għan-negozji ta' produzzjoni ta' akkwakultura fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE.

(8) Meta l-kwarantina ssir fil-Komunità, huwa importanti ħafna li t-trasport tal-kunsinji tal-annimali tal-akkwakultura lejn il-faċilità ta' kwarantina jkun sorveljat biex jiġi żgurat li l-annimali li jridu jinżammu kwarantina jinġarru direttament lejn il-faċilità ta' kwarantina b'mod sikur.

(9) Il-faċilitajiet ta' kwarantina għandhom jinbnew u jiġu mmexxija b'mod li jipprevjeni t-tixrid tal-mard bejn l-unitajiet ta' kwarantina u bejn il-faċilitajiet ta' kwarantina u negozji oħra ta' produzzjoni ta' akkwakultura.

(10) Ċerti attivitajiet marbuta mal-kwarantina fil-Komunità jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "kontrolli uffiċjali" fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali esegwiti biex tkun aċċertata l-verifika ta' konformità mal-liġi dwar l-għalf u l-ikel, saħħet l-annimali u r-regoli dwar il-benesseri tal-annimali ([1]). L-ispejjeż marbuta mal-kwarantina fil-Komunità għaldaqstant għandhom ikunu koperti mill-Artikolu 27 tar-Regolament, li jistipula li l-Istati Membri jistgħu jiġbru miżati jew tariffi biex ikopru l-ispiża li jġibu magħhom il-kontrolli uffiċjali.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

IS-SUĠĠETT, L-AMBITU U D-DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kwarantina, li huma stipulati fi:

(a) l-Artikoli 17 u 20 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE; kif ukoll

(b) Il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008 u ċ-ċertifikati mudell stabbiliti fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "faċilità ta' kwarantina" tfisser faċilità:

   (a) fejn issir il-kwarantina tal-annimali tal-akkwakultura;

   (b) li fiha unità waħda ta' kwarantina jew aktar; kif ukoll

   (c) li hi awtorizzata u rreġistrata minn awtorità kompetenti, fi ħdan id-definizzjoni tal-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 882/04, bħala faċilità ta' kwarantina skond l-Artikoli 4 u 6 tad-Direttiva 2006/88/KE, u li hi konformi mal-kundizzjonijiet minimi għall-faċilitajiet ta' kwarantina mniżżla fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

2. "unità ta' kwarantina" tfisser unità separata kemm fl-operazzjoni kif ukoll fiżikament, li żżomm biss annimali tal-akkwakultura tal-istess kunsinja, bl-istess status ta' saħħa u, fejn hu l-każ, annimali sentinella tal-akkwakultura;

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

3. "annimali sentinella tal-akkwakultura" tfisser annimali tal-akkwakultura li jintużaw bħala għajnuna djanjostika waqt il-kwarantina;

4. "mard elenkat" tfisser il-mard elenkat fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE.

5. "professjonist ikkwalifikat fis-saħħa tal-annimali akkwatiċi" tfisser professjonist ikkwalifikat fis-saħħa tal-annimali akkwatiċi maħtur mill-awtorità kompetenti biex iwettaq f'isimha kontrolli uffiċjali speċifiċi fil-faċilitajiet ta' kwarantina.

KAPITOLU II

IL-KWARANTINA TA' ANNIMALI TAL-AKKWAKULTURA F'PAJJIŻI TERZI

Artikolu 3

Kundizzjonijiet għall-importazzjoni

Fejn il-kwarantina hija kundizzjoni għall-importazzjonijiet lejn il-Komunità ta' kunsinji ta' annimali tal-akkwakultura skond il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008, dawn il-kunsinji għandhom jiġu impurtati lejn il-Komunità biss jekk il-kundizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu jiġu sodisfatti.

Artikolu 4

Il-kundizzjonijiet ta' kwarantina f'pajjiżi terzi

1. Il-kwarantina trid tkun saret f'faċilità ta' kwarantina kif hemm referenza fl-Artikolu 2(1)(c).

2. Il-faċilità ta' kwarantina għandha tkun taħt il-kontroll tal-awtorità kompetenti, u dik l-awtorità trid:

(a) iżżur il-bini tal-faċilità tal-kwarantina tal-anqas darba fis-sena;

(b) tiżgura li l-faċilità ta' kwarantina tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni;

(c) tivverifika l-attività tal-professjonist awtorizzat, ikkwalifikat fis-saħħa tal-annimali akkwatiċi; kif ukoll

(d) tivverifika li l-kundizzjonijiet li skonthom tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni jibqgħu jiġu sodisfatti.

3. L-annimali tal-akkwakultura jridu jkunu ġew suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' kwarantina stipulati fl-Artikoli li ġejjin:

(a) fil-każ ta' speċi suxxettibbli, l-Artikoli 13, 14 u 15;

(b) fil-każ ta' speċi vettori, l-Artikoli 16 u 17.

4. L-annimali tal-akkwakultura għandhom ikunu rilaxxati mill-kwarantina biss b'awtorizzazzjoni bil-miktub mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 5

L-awtorizzazzjoni ta' faċilitajiet ta' kwarantina f'pajjiżi terzi

1. Sabiex ikunu awtorizzati mill-awtorità kompetenti, il-faċilitajiet ta' kwarantina għandhom ikunu konformi ma':

(a) id-dispożizzjonijiet li tal-anqas huma ekwivalenti għall-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/88/KE;

(b) il-kundizzjonijiet minimi għall-faċilitajiet ta' kwarantina stipulati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

2. Kull faċilità ta' kwarantina awtorizzata għandha tkun assenjata numru ta' reġistrazzjoni.

3. Għandha tiġi żviluppata lista ta' faċilitajiet ta' kwarantina awtorizzati li tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Is-sospensjoni u l-irtirar tal-awtorizzazzjoni ta' faċilitajiet ta' kwarantina f'pajjiżi terzi

1. Fejn l-awtorità kompetenti tkun irċeviet notifika li f'faċilità ta' kwarantina hemm suspett ta' preżenza tal-mard elenkat, din għandha:

(a) tissospendi immedjatament l-awtorizzazzjoni ta' dik il-faċilità;

(b) tiżgura li l-miżuri neċessarji biex jikkonfermaw jew jeliminaw is-suspett jittieħdu skond il-punt 3 tal-Anness II.

2. Sospensjoni skond il-paragrafu 1 ma għandhiex titneħħa qabel ma:

(a) is-suspett tal-mard elenkat rilevanti jkun ġie eliminat uffiċjalment; jew

(b) l-eradikazzjoni tal-mard elenkat rilevanti fil-faċilità ta' kwarantina tkun ġiet kompluta b'suċċess u l-unitajiet ta' kwarantina rilevanti jkunu tnaddfu u ġew diżinfettati.

3. Fejn il-faċilità ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1), l-awtorizzazzjoni ta' faċilità ta' kwarantina għandha tkun irtirata minnufih mill-awtorità kompetenti.

Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata minnufih b'dan.

Artikolu 7

Listi ta' faċilitajiet ta' kwarantina

Il-Kummissjoni għandha tgħaddi lill-Istati Membri kull lista ġdida jew aġġornata ta' faċilitajiet ta' kwarantina li hi tirċievi skond l-Artikolu 5(3) u għandha tagħmilhom disponibbli lill-pubbliku.

KAPITOLU III

IL-KWARANTINA TA' ANNIMALI TAL-AKKWAKULTURA FIL-KOMUNITÀ

Artikolu 8

Approvazzjoni

1. Fejn il-kunsinji tal-annimali tal-akkwakultura impurtati lejn il-Komunità huma intiżi għal kwarantina fil-Komunità, l-impurtatur jew l-aġent tiegħu għandhom jipprovdu approvazzjoni bil-miktub iffirmata mill-persuna responsabbli għall-faċilità ta' kwarantina li tikkonferma li l-annimali tal-akkwakultura se jiġu aċċettati għall-kwarantina.

2. L-approvazzjoni prevista fil-paragrafu 1 għandha:

(a) issir f'tal-anqas lingwa waħda uffiċjali tal-Istat Membru tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fejn jitwettqu l-eżaminazzjonijiet veterinarji; madankollu, dak l-Istat Membru jista', alternattivament, jawtorizza l-użu ta' lingwa uffiċjali oħra tal-Komunità, akkumpanjata, jekk inhu neċessarju, minn traduzzjoni uffiċjali f'waħda mil-lingwi uffiċjali tiegħu;

(b) tinkludi n-numru ta' reġistrazzjoni tal-faċilità ta' kwarantina.

3. L-approvazzjoni stipulata fil-paragrafu 1 għandha:

(a) tilħaq il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera qabel il-wasla tal-kunsinja; jew

(b) tkun ippreżentata lill-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera mill-impurtatur jew mill-aġent tiegħu qabel ma l-annimali akkwatici jiġu rrilaxxati minn dak il-post ta' spezzjoni.

Artikolu 9

Ġarr dirett tal-annimali tal-akkwakultura lejn il-faċilitajiet ta' kwarantina

Fejn il-kunsinji tal-annimali tal-akkwakultura impurtati lejn il-Komunità huma intiżi għall-kwarantina fil-Komunità, dawn għandhom jinġarru direttament lejn il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera lejn il-faċilità ta' kwarantina.

Meta għal dak il-ġarr jintużaw il-vetturi, dawn għandhom ikunu ssiġillati mill-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera b'siġill li ma jistax jitbagħbas.

Artikolu 10

Is-sorveljanza tal-ġarr tal-annimali tal-akkwakultura.

1. Fejn il-kunsinji tal-annimali tal-akkwakultura lejn il-Komunità huma intiżi għal kwarantina fil-Komunità:

(a) il-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għandu jinnotifika l-awtorità kompetenti tal-faċilità ta' kwarantina, fi żmien jum ta' xogħol mid-data tal-wasla tal-kunsinja fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, bil-post tal-oriġini u bil-post ta' destinazzjoni tal-kunsinja permezz tas-sistema kkompjuterizzata stipulata fl-Artikolu 20(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE [1] ("is-sistema Traces");

(b) il-persuna repsonsabbli għall-faċilità ta' kwarantina għandha, fi żmien jum ta' xogħol mid-data tal-wasla tal-kunsinja fil-faċilità ta' kwarantina, tinnotifika lill-awtorità kompetenti ta' dik il-faċilità bil-wasla tal-kunsinja;

(c) l-awtorità kompetenti tal-faċilità ta' kwarantina, permezz tas-sistema Traces, fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mid-data tal-wasla tal-kunsinja f'dik il-faċilità, għandha tinnotifika bil-wasal tal-kunsinja lill-veterinarju uffiċjali tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera li jkun innotifikaha bil-ġarr tal-kunsinja, kif hemm referenza fil-punt (a).

2. Jekk lill-awtorità kompetenti tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera tingħatalha konferma li l-annimali tal-akkwakultura ddikjarati bħala intiżi għall-faċilità ta' kwarantina fil-Komunità jkunu għadhom ma waslux fid-destinazzjoni tagħhom fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mid-data li fiha kellhom jaslu, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri xierqa.

Artikolu 11

Il-kundizzjonijiet ta' kwarantina fil-Komunità

Fejn il-kwarantina fil-Komunità tkun kundizzjoni għġat-tqegħid fis-suq tal-kunsinji tal-annimali tal-akkwakultura skond l-Artikolu 17 jew 20 tad-Direttiva 2006/88/KE jew għal importazzjonijiet ta' kunsinji bħal dawn lejn il-Komunità skond il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008, il-kunsinji għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijet li ġejjin:

(a) il-perjodu ta' kwarantina għandu jsir fl-istess faċilità ta' kwarantina fil-Komunità;

(b) l-annimali tal-akkwakultura jridu jkunu suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' kwarantina stipulati fl-Artikoli li ġejjin:

(i) fil-każ ta' speċi suxxettibbli, l-Artikoli 13, 14 u 15;

(ii) fil-każ ta' speċi vettori, l-Artikoli 16 u 17;

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.

(c) l-annimali tal-akkwakultura għandhom ikunu rrilaxxati mill-kwarantina biss fuq awtorizzazzjoni bil-miktub mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 12

Miżuri fil-każ ta' suspett jew konferma ta' mard elenkat

1. Jekk, waqt il-kwarantina, tkun suspettatta l-preżenza ta' mard fil-faċilità ta' kwarantina, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tieħu u tanalizza kampjuni xierqa skond il-punt 3 tal-Anness II;

(b) tiżgura li, sakemm jaslu r-riżultati tal-laboratorju, l-ebda annimal tal-akkwakultura ma jitħalla jidħol jew jittieħed 'il barra mill-kwarantina.

2. Jekk, waqt il-kwarantina, tkun ikkonfermata l-preżenza tal-mard elenkat, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li:

(a) l-annimali kollha tal-akkwakultura fl-unitajiet ta' kwarantina kkonċernati jitneħħew u jintremew, filwaqt li jitqies ir-riskju tat-tixrid tal-mard elenkat rilevanti;

(b) l-unitajiet ta' kwarantina kkonċernati jiġu mnaddfa u ddiżinfettati;

(c) l-ebda annimal tal-kwarantina ma jittieħed lejn l-unitajiet ta' kwarantina kkonċernati għall-perjodu ta' 15-il ġurnata wara li jkun sar it-tindif u d-diżinfettar finali;

(d) l-ilma fl-unitajiet ta' kwarantina kkonċernati jiġi ttrattat b'mod li jeqred, b'mod effettiv, l-aġent infettuż responsabbli għall-mard elenkat rilevanti.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2(a), l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-annimali tal-akkwakultura miżmuma f'faċilità ta' kwarantina u prodotti tagħhom ladarba l-istatus ta' saħħa tal-annimali akkwatiċi fil-post ta' destinazzjoni fir-rigward tal-mard elenkat rilevanti ma jkunx fil-periklu.

4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skond dan l-Artikolu.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET GĦALL-KWARANTINA

TAQSIMA 1

Speċi Suxxettibbli

Artikolu 13

It-tul ta' kwarantina għal speċi suxxettibbli

1. Il-ħut għandu jitpoġġa kwarantina għal tal-anqas 60 ġurnata.

2. Il-krustaċji għandhom jitpoġġew kwarantina għal tal-anqas 40 ġurnata.

3. Il-molluski għandhom jitpoġġew kwarantina għal tal-anqas 90 ġurnata.

Artikolu 14

Eżaminar, teħid ta' kampjuni u djanjożi

1. Biex tiġi ppruvata l-assenza tal-mard elenkat rilevanti, l-eżaminar, it-teħid ta' kampjuni u d-djanjożi li hemm referenza għalihom fl-Anness II għandhom jitwettqu bir-riżultati negattivi.

2. L-annimali sentinella akkwatiċi jistgħu jintużaw għall-eżaminar, teħid ta' kampjuni u djanjożi ħlief fejn l-ispeċi suxxettibbli għall-infezzjoni bil-*Marteilia refringens* jkunu kwarantina.

3. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina n-numru ta' annimali sentinella akkwatiċi li jkunu se jintużaw, b'mod li jitqies in-numru tal-annimali tal-akkwakultura miżmuma, il-qies tal-unità ta' kwarantina, u l-karatteristiċi tal-mard u l-ispeċi elenkat rilevanti.

4. L-annimali sentinella tal-akkwakultura għandhom ikunu:

(a) ta' speċi suxxettibbli għal mard elenkat rilevanti u, fejn possibbli u b'mod li jitqiesu l-kundizzjonijiet ta' għajxien tagħhom, ikunu fl-aktar stadji suxxettibbli ta' ħajjithom;

(b) ġejjin minn Stat Membru, żona jew kompartiment, jew minn pajjiż terz jew parti minnhom iddikjarati ħielsa mill-mard elenkat rilevanti;

(c) mhux imlaqqma kontra l-mard elenkat rilevanti;

(d) imqiegħda f'unità ta' kwarantina immedjatament qabel jew mal-wasla tal-annimali tal-akkwakultura li jridu jitpoġġew kwarantina u jinżammu f'kuntatt ma' dawk l-annimali u taħt l-istess kundizzjonijiet zooteknikiċi u ambjentali.

Artikolu 15

Spezzjoni

L-awtorità kompetenti għandha tispezzjona l-kundizzjonijiet ta' kwarantina tal-anqas fil-bidu u fi tmiem il-perjodu ta' kwarantina għal kull kunsinja ta' annimali tal-akkwakultura.

Meta l-awtorità kompetenti twettaq spezzjonijiet bħal dawn, din għandha:

(a) tiżgura li l-kundizzjonijiet ambjentali li jwasslu għas-sejba fil-laboratorju tal-mard elenkat rilevanti huma preżenti;

(b) teżamina r-rekords ta' mortalità waqt il-kwarantina;

(c) meta rilevanti, tiċċekkja l-annimali tal-akkwakultura fl-unitajiet ta' kwarantina.

TAQSIMA 2

Speċi Vettori

Artikolu 16

Dispożizzjonijiet ta' kwarantina applikabbli għall-ispeċi vettori

1. L-ispeċi vettori għandhom jitpoġġew kwarantina għal tal-anqas 30 ġurnata.

2. L-ilma tal-unità ta' kwarantina għandu jinbidel tal-anqas darba kuljum.

Artikolu 17

Spezzjoni

L-awtorità kompetenti għandha tispezzjona l-kundizzjonijiet ta' kwarantina tal-anqas fil-bidu u fi tmiem il-perjodu ta' kwarantina għal kull kunsinja ta' annimali tal-akkwakultura.

Meta l-awtorità kompetenti twettaq spezzjonijiet bħal dawn, din għandha:

(a) teżamina r-rekords ta' mortalità waqt il-kwarantina;

(b) meta rilevanti, tiċċekkja l-annimali tal-akkwakultura fl-unitajiet ta' kwarantina.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 18

Dispożizzjoni transitorja

Sakemm jiġu addotatti l-metodi djanjostiċi li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikolu 49(3) tad-Direttiva 2006/88/KE, l-ittestjar tal-kampjuni meħuda sabiex jipprova l-assenza tal-mard elenkat rilevanti waqt il-kwarantina għandu jsir skond il-metodi djanjostiċi stabbiliti fil-kapitolu li jikkorrispondi għal kull marda elenkata tal-aħħar verżjoni tal-Manwal ta' testijiet djanjostiċi għal annimali akkwatiċi tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (l-OIE).

Artikolu 19

Data tal-applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Artikolu 20

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Diċembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Kundizzjonijiet minimi għal faċilitajiet ta' kwarantina

PARTI A

Kundizzjonijiet tal-kostruzzjoni u tat-tagħmir

(1) Il-faċilità ta' kwarantina għandha tkun binja separata mill-faċilitajiet ta' kwarantina l-oħra, irziezet oħra jew żoni ta' trobbija tal-molluski oħra, b'distanza speċifikata mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju li tqis l-epidemijoloġija tal-mard elenkat rilevanti. Madankollu, faċilità ta' kwarantina tista' titqiegħed f'razzett jew f'żona tat-trobbija tal-molluski.

(2) L-unitajiet ta' kwarantina għandhom jinbnew b'mod li l-ilma ma jistax jitħallat bejniethom. Barra minn hekk, is-sistema tal-ilma ta' kull unità ta' kwarantina għandha tkun imfassla biex tipprevjeni kull possibbiltà ta' kontaminazzjoni minn unità ta' kwarantina għal oħra jew unitajiet oħra tal-istess farm jew żona tat-trobbija tal-molluski.

(3) Il-provvisti tal-ilma tal-unitajiet ta' kwarantina għandhom ikunu ħielsa mill-mard elenkat rilevanti.

(4) Meta s-sistema li tbattal l-ilma tal-unitajiet ta' kwarantina tkun fi Stat Membru, żona, kompartiment jew pajjiż terz jew parti minnhom iddikjarati bħala ħielsa mill-mard elenkat jew suġġetti għal programm ta' sorveljanza u eradikazzjoni fir-rigward ta' mard elenkat, din għandha jkollha sistema ta' trattament tal-iskart likwidu approvata mill-awtorità kompetenti. Is-sistema tat-trattament tal-iskart likwidu għandha:

(a) tittratta l-iskart likwidu u l-fdal kollu ġġenerat fl-unità ta' kwarantina b'mod li jeqred b'mod effettiv l-aġent infettuż responsabbli għall-mard elenkat rilevanti;

(b) tkun mgħammra b'mekkaniżmi infallibbli ta' sostenn sabiex jiżguraw tħaddim kontinwu u konteniment sħiħ.

(5) L-unitajiet ta' kwarantina għandhom jinbnew b'mod li jkun evitat il-kuntatt ma' annimali oħra li aktarx ixerrdu l-mard elenkat rilevanti.

(6) It-tagħmir kollu għandu jinbena b'mod li jkun jista' jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat u t-tagħmir xieraq irid ikun disponibbli għat-tindif u d-diżinfettar.

(7) Iridu jiġu installati fruntieri iġjeniċi f'kull daħla/ħarġa għall-faċilità ta' kwarantina u għall-unitajiet differenti tagħha.

(8) Kull unità ta' kwarantina tal-faċilità ta' kwarantina għandha jkollha t-tagħmir tagħha sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni bejn l-unitajiet ta' kwarantina differenti.

PARTI B

Il-kundizzjonijiet ta' ġestjoni

(1) L-operatur tan-negozju tal-produzzjoni tal-akkwakultura tal-faċilità ta' kwarantina għandu jiżgura, permezz ta' kuntratt jew strument legali, is-servizzi ta' professjonist awtorizzat, ikkwalifikat fis-saħħa tal-annimali akkwatiċi.

(2) Għal kull kunsinja ta' annimali tal-akkwakultura mpoġġija fi kwarantina:

(a) l-unità ta' kwarantina għandha titnaddaf u tiġi ddiżinfettata u mbagħad għandha tinżamm ħielsa mill-annimali tal-akkwakultura għal tal-anqas sebat ijiem qabel l-introduzzjoni ta' kunsinja ġdida;

(b) il-perjodu ta' kwarantina għandu jibda biss meta jiġu introdotti l-aħħar annimali tal-akkwakultura tal-kunsinja.

(3) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' kontaminazzjoni bejn il-kunsinji deħlin u dawk ħerġin.

(4) L-ebda persuna li mhix awtorizzata ma tista' tidħol fil-faċilità ta' kwarantina.

(5) Persuni li jidħlu fil-faċilità ta' kwarantina jridu jilbsu lbies protettiv, inklużi żraben protettivi.

(6) Ma għandu jkun ebda kuntatt bejn il-persunal u t-tagħmir li jista' jikkawża kontaminazzjoni bejn il-faċilitajiet ta' kwarantina jew l-unitajiet ta' kwarantina, jew bejn il-faċilitajiet ta' kwarantina u l-irziezet jew żoni ta' trobbija tal-molluski.

(7) Mal-wasla fil-faċilità, il-vetturi tat-trasport u t-tagħmir, inklużi t-tankijiet, il-kontenituri u l-ilma, għandhom jiġu ttrattati b'mod li jeqred, b'mod effettiv, l-aġent infettuż responsabbli għall-mard elenkat rilevanti.

(8) Annimali tal-akkwakultura mejtin u annimali tal-akkwakultura li juru sinjali kliniċi ta' mard għandhom ikunu spezzjonati minn professjonist awtorizzat, ikkwalifikat fis-saħħa tal-annimali akkwatiċi, u għażla rappreżentattiva ta' annimali akkwatiċi mejtin u annimali tal-akkwakultura li juru sinjali kliniċi ta' mard għandha tkun spezzjonata f'laboratorju maħtur mill-awtorità kompetenti.

(9) L-eżaminar, it-teħid ta' kampjuni u l-metodi djanjostiċi neċessarji għandhom isiru b'konsultazzjoni ma', u taħt il-kontroll, tal-awtorità kompetenti.

(10) Barra mill-obbligi ta' reġistrazzjoni stipulati fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2006/88/KE, il-faċilità ta' kwarantina għandha żżomm rekord:

(a) tal-ħinijiet tad-dħul u tal-ħruġ tal-persunal;

(b) tat-trattament tal-ilma li ġej u tal-ilma li joħroġ f'forma ta' skart likwidu, kif inhu xieraq;

(c) il-kundizzjonijiet mhux normali li jaffettwaw l-operat ta' kwarantina (qtugħ ta' dawl, ħsara lill-bini jew kundizzjonijiet ta' maltemp qawwi);

(d) id-dati u r-riżultati ta' kampjuni mressqa għall-ittestjar.

ANNESS II

Eżaminar, teħid ta' kampjuni, ittestjar u djanjożi tal-annimali tal-akkwakultura

(1) L-eżaminar, it-teħid ta' kampjuni, l-ittestjar u d-djanjożi tal-annimali tal-akkwakultura għandhom isiru filwaqt li jkun żgurat li l-kundizzjonijiet ambjentali li jwasslu għas-sejba fil-laboratorju tal-mard elenkat rilevanti huma preżenti fil-faċilità ta' kwarantina tul il-perjodu sħiħ ta' kwarantina.

(2) Waqt il-kwarantina, l-annimali tal-akkwakultura li ġejjin għandu jitteħdilhom kampjun fi żmien 15-il jum qabel id-data tal-iskadenza tal-perjodu ta' kwarantina:

(a) meta jintużaw annimali sentinella tal-akkwakultura, għandhom jittieħdu kampjuni minnhom kollha;

(b) meta ma jintużawx annimali sentinella tal-akkwakultura, għandhom jittieħdu kampjuni minn numru rilevanti ta' annimali tal-akkwakultura b'mod li jkun żgurat li s-sejba ta' mard elenkat rilevanti tkun b'livell ta' fiduċja ta' 95 % jekk il-prevalenza prevista hija 10 % (qatt inqas minn 10 annimali).

(3) Skont l-Artikolu 18, l-ittestjar tal-kampjuni meħuda waqt il-kwarantina għandu jsir f'laboratorji maħtura mill-awtorità kompetenti bl-użu ta' metodi djanjostiċi li għandhom jiġu stabbiliti bi qbil mal-Artikolu 49(3) tad-Direttiva 2006/88/KE.